

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tas-26 ta' April 2023 – CV vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-20/18) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Sigurtà soċjali – Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal – Regoli komuni dwar l-assigurazzjoni għar-riskji ta’ inciġġenti u ta’ mard ikkaġunat mix-xogħol – Mard ikkaġunat mix-xogħol – Kumitat Mediku – Artikolu 22 – Rifżut ta’ rikonoxxiement tax-xogħol bħala kaġun ta’ marda – Obbligu ta’ motivazzjoni”)

(2023/C 216/48)

Lingwa tal-kawża: l-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: CV (rappreżentanti: F. Moyse u L. Heisten, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. S. Bohr u L. Vernier, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrent jitlob, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-20 ta' Marzu 2017 li tiċħad it-talba tiegħu għar-rikonoxxiement li l-marda tiegħu hija kkaġunata mix-xogħol u tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Marzu 2017 li imponietlu ġerti spejjeż u onorarji tal-membri tal-Kumitat Mediku li ddeċidew fuq din it-talba u, min-naħħa l-oħra, kumpens għad-danni materjali u morali li huwa kien ġarrab bħala riżultat ta' dawn id-deċiżjonijiet.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) CV huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 112, 26.3.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tas-26 ta' April 2023 – SRB vs KEPD

(Kawża T-557/20) ⁽¹⁾

(“Protezzjoni tad-data personali – Proċedura ta’ kumpens għad-danni tal-azzjonisti u tal-kredituri wara r-riżoluzzjoni ta’ istituzzjoni bankarja – Deċiżjoni tal-KEPD li tikkonstata l-ksur mis-SRB tal-obbligli tiegħu fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali – Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1725 – Kunċett ta’ ‘data personali’ – Punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725 – Dritt ta’ aċċess għall-fajl”)

(2023/C 216/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (rappreżentanti: H. Ehlers, M. Fernández Rupérez, A. Lapresta Bienz, aġenti, assistiti minn de H.-G. Kamann, M. Braun, F. Louis, u L. Hesse, avukati)

Konvenut: Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (rappreżentanti: P. Candellier, X. Lareo u T. Zerdick, aġenti)